Il-Kummissjoni Ewropea

*Stqarrija għall-istampa li għandha titqassam lill-Istati Membri*

# Regolament dwar l-Injam Ġdid tal-UE jidħol fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea

Regolament tal-UE Ġdid dwar l-Injam (EUTR) sabiex jiġġieled il-kummerċ ta' injam illegali jidħol fis-seħħ fil-pajjiżi tal-UE kollha mit-3 ta' Marzu 2013. Il-leġiżlazzjoni, li sejra taffettwa lil kulħadd fin-negozju tal-injam, tipprojbixxi t-tqegħid ta' injam maqtugħ illegalment fis-suq Ewropew fi sforz biex tiġġieled il-problema li dejjem qiegħda tikber ta' qtugħ illegali madwar id-dinja.

Il-liġi, li tkopri kemm l-injam kif ukoll il-prodotti tal-injam importat u dak prodott fuq livell domestiku, tistabbilixxi proċeduri għal sabiex jiġu segwiti minn dawk fin-negozju biex jiġi minimizzat ir-riskju tal-użu ta' injam maqtugħ illegalment. Dan ifisser li l-**operaturi**- definiti bħala dawk li l-ewwel ipoġġu l-prodott tal-injam fis-suq tal-UE - għandhom, permezz ta' sistema ta' 'diliġenza dovuta', jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-injam li jinnegozjaw ikun legali. Barra minn hekk, **il-kummerċjanti** - definiti bħala dawk li jbigħu jew li jixtru l-injam diġà fis-suq - huma meħtieġa jżommu informazzjoni adegwata sabiex l-injam li huma jinnegozjaw fih ikun jista' jiġi intraċċat faċilment. Madankollu, ir-Regolament mhuwiex miżura konfinali u t-trasbordi mhumiex sejrin jiġu ċċekkjati fil-fruntieri tal-UE.

Minħabba li jkopri firxa estensiva ta' prodotti[1] – mill-karta u polpa għal injam solidu u art – l-EUTR huwa parti minn sforzi kontinwi fil-pajjiżi Ewropej sabiex jgħin jiġġieled il-problema ta' qtugħ illegali ta' injam. Il-prattika għandha impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali severi - mhux biss hija assoċjata ma' deforestazzjoni u tibdil fil-klima iżda tnaqqas l-isforzi u l-għajxien ta' operaturi leġittimi u tista' tikkontribwixxi għal kunflitti fuq l-art u r-riżorsi. Billi tinforza r-Regolament fuq din il-kwistjoni, pajjiżek jista' jinfluwenza l-prattiċi fil-forestrija fi ħdan l-Ewropa u madwar id-dinja u jgħin sabiex jeqred darba għal dejjem il-qtugħ b'mod illegali ta' injam.

Noti lill-editur:

1. Għat-test sħiħ tal-EUTR, li ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2010 u sejjer jiġi applikat fil-pajjiżi tal-UE kollha fit-3 ta' Marzu 2013, huwa disponibbli hawn: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32010R0995:MT:NOT

2. Fl-EUTR, it-tqattigħ huwa l-qtugħ tal-injam b'tali mod li jikser il-liġijiet u r-regolamenti tal-*pajjiż tal-qtugħ*.

3. L-injam jew il-prodotti tal-injam li għandhom liċenzja FLEGT valida jew permess CITES validu, diġà jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-regolament.

4. Ir-Regolament ma japplikax għal individwi li jbigħu jew li jixtru injam jew prodotti tal-injam għall-użu personali tagħhom stess (minflok għal għanijiet kummerċjali).

1 Prodotti riċiklati u karta stampata bħal kotba, rivisti u gazzetti huma biss uħud mill-injam u mill-prodotti tal-injam esklużi mil-leġiżlazzjoni. Lista tal-prodotti kollha koperti mill-EUTR hija disponibbli fl-Anness tar-Regolament.